MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 783/2000/1

**Martin Cachia**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni li l-atturipprezenta fis-26 ta' April 2000 fejn gie premess:-

Illi nhar it-3 ta' Sttembru 1995 saret tfittxija mill-konvenut f'proprjetajiet tal-attur minn liema proprjetajiet gew elevati u mehuda diversi magni u makkinarju appartenenti lill-istess attur.

Illi nhar id-9 ta' Jannar 1997 l-attur gie mressaq il-Qorti w akkuzat b'reati ta' frodi kummercjali u ksur ta' *copyright*.

Illi b'sentenza tal-5 ta' Marzu 1999 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-attur mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema sentenza llum saret *res judicata*.

Illi b'digriet sussegwenti l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ordnat ir-rilaxx ta' l-oggetti li kienu gew mehuda minghand l-attur u esebiti formalment fl-atti tal-istess proceduri.

Illi rrizulta li dawn l-oggetti, magni u makkinarju, kienu nzammu fi stat hazin tant li llum lanqas biss jistghu jintuzaw u ntilef kunsiderevolment il-valur kummercjali taghhom.

Illi b'konsegwenza ta' dan il-agir tal-konvenut l-attur sofra danni konsistenti f'telf tal-valur tal-oggetti fuq imsemmija.

Illi l-attur interpella lill-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas tad-danni nkorsi minnu.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega necessarji sabiex jassigura ruhu li ma ssir l-ebda hsara lill-oggetti mehuda minghand l-attur u mizmuma ghand l-istess konvenut konsegwenza tat-tfittxija maghmula mill-istess konvenut fit-3 ta' Settembru 1995 u konsegwentement l-attur sofra danni fit-telf tal-istess oggetti, magni u makkinarju.

2. Tillikwida d-danni nkorsi mill-attur bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenut.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, kif ukoll il-lista tax-xhieda tieghu u d-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut, il-Kummissarju tal-Pulizija fit-18 ta' Mejju 2000 fejn qal:-

1. Illi preliminarjament l-esponent ma huwiex il-legittimu kontradittur in kwantu l-ogetti "*de quo*" kienu ghal diversi snin esebiti taht l-awtorita' tal-Qorti u ghalhekk l-eccipjenti ma ghandux x'jirrispondi ghat-talbiet attrici.

2. Illi subordintament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjent mhux talli ma kkawza l-ebda danni lill-attur izda talli mal-konkluzjoni tal-proceduri kriminali l-eccipjenti talbu sabiex minnufih jiehu l-oggetti izda huwa, minghajr raguni valida fil-ligi, irrifjuta.

3. Illi l-attur m'ghandu l-ebda prova li l-oggetti "*de quo*" kienu fi stat tajjeb qabel ma gew elevati jew li ddeterjoraw fil-pendenza tal-proceduri kriminali. Illi ko-akkuzat ma' l-attur cioe' Eugenio Frantz diga' identifika l-makkinarju li kien jappartjeni lilu u li gie elevat flimkien mal-attur. Din il-persuna ma sabet xejn minn dak li qed jillamenta minnu l-attur fi hwejgu.

4. Illi subordintament u minghajr pregudizzju, jekk tassew il-makkinarju garrab xi deterjorament dan huwa impitabbli biss ghat-traskuragni u n-non-kuranza ta' l-attur inniffsu li naqas milli jitlob lill-Qorti li tawtorizzah jiehu dawk il-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni biex jippreserva fi stat tajjeb l-oggetti msemmija.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta l-Kummissarju tal-Pulizija u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fit-3 ta' Settembru 1995 il-Pulizija Ezekuttiva wetqet tfittxija f'*garage* mikri lill-attur numerat 3, New Street Off Notabile Road, Imriehel, u elevat l-apparat kollu li kien jinsab fih. Din l-investigazzjoni saret fil-kors ta' investigazzjoni dwar reati konnessi mal-abbuz tad-dritt tal-

*copyright*. Il-Pulizija Ezekuttiva kienet giet diretta f'dan il-*garage* mill-attur u certu Eugenio Frantz wara li l-istess Pulizija kienu wettqu tfittxija fuqhom fuq il-Monti.

Illi effettivament din il-kawza ma tikkoncernax l-apparat, makkinarju, *etc*., kollu li kien gie elevat dakinhar mill-Pulizija, izda biss dik proprjeta' tal-attur, *stante* li l-appart, makkinarju, *etc*., appartenenti lil Eugenio Frantz kien sussegwentement ittiehed lura minnu. Skond l-attur l-apparat, makkinarju, *etc*., li jinsab elenkat f'inventarju redatt minn William Cassar Torreggiani, ezebit bhala Dok. "MC1", kien kollu funzjonanti dakinhar li gie elevat. Lista ohra kienet giet redatta mill-Perit Richard Aqulina, liema lista tinsab esebita bhala Dok. "*MC2*".

Illi **l-attur** jghid li huwa mill-ewwel beda jinsisti mal-Ispettur Casha, li inizjalment kien qieghed jinvestiga l-kaz, sabiex jirrilaxxja l-oggetti li kienu gew maqbuda, kif ukoll sabiex iwettaq il-manutenzjoni mehtiega fuqhom, tenut kont li din kienet tikkonsisti interament f'makkinarju elettroniku. L-Ispettur Casha min-naha tieghu, kif ukoll l-Ispettur A. Farrugia Mamo (li mexxiet il-proceduri ghan-nom tal-Prosekuzzjoni minhabba l-indispozizzjoni ta' l-Ispettur Casha) it-tnejn cahdu li qatt saritilhom xi talba f'dan is-sens hlief wara l-konkluzjoni tal-proceduri kollha.

Illi wara l-elevazzjoni tal-oggetti l-attur gie akkuzat bir-rejat ta' frodi kummercjali, izda permezz ta' sentenza datata 5 ta' Marzu 1999 il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet illiberatu mill-akkuzi migjuba kontra tieghu (Dok "MC5"). Ftit wara l-attur kien gie awtorizzat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex jiehu lura l-pussess tal-oggetti maqbuda. Jidher li l-oggetti ma setghux jigu ritornati lilu immedjatament peress li ma setghux jigu misjuba mill-Pulizija, li kellha l-kustodja taghhom. Konferma ta' dan hija ittra datata 25 ta' Awissu 1999 mibghuta mill-Ispettur Antoine Casha lill-konsulent legali tal-attur l-Avukat Joseph Giglio (Dok. "MC6" a fol. 59) li tghid hekk:

*“Naghmel referenza ghall-ittra tieghek bid-data 22 ta’ Lulju 1999 dwar ir-rilaxx ta’ oggetti esebiti fil-proceduri kriminali kontra Martin Cachia u Eugenio Frantz”.*

*“Nixtieq ninfurmak li qed jittiehdu l-passi necessarji sabiex* dawn *l-oggetti jigu ritornati lill-klijenti tieghek mill-aktar fis.”*

Illi l-attur jghid li fl-ahhar kien gie nfurmat li l-magni u l-oggetti kienu nstabu. Skond hu l-Pulizija gharrfuh li *“Kienu tqieghdu wara l-Immigration Cards antiki li kienu jimtlew l-Airport qabel persuna ma jsiefer u wara dan il-munzell enormi ta’ mazzez kien hemm il-magni tieghi”* (xhieda tal-Ispettur Casha ).

Illi huwa jkompli jispjega li meta mar ghall-affarijiet sabhom fi stat dizastruz, *“kollhom moffa u sadid u ma kienu jiswew xejn, kienu tajbin biss biex jintremew.”* Dawn kienu stivati *“f’garaxx li jifforma parti mid-Depot tal-Pulizija li kien kollu umdita’ u ilma”* (*vide* relazzjoni tal-Perit Tekniku Alfred Camenzuli).

Illi l-attur spjega li huwa kien qabbad lil William Cassar Torreggiani (li kien l-espert inkarigat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali) sabiex ihejji rapport tal-istat tal-makkinarju, *etc*., u dan peress li l-attur jinsisti li dawn kienu perfettament funzjonanti qabel ma gew elevati. Illi dwar dan il-fatt jigi rilevat li waqt id-deposizzjoni tieghu tas-6 ta’ Frar 2001 (fol. 79-78), l-Ispettur Casha spjega li kien evidenti li l-*garage* minn fejn gew elevati l-affarijiet kien qieghed jintuza attivament ghax-xoghol relatat mal-makkinarju. Illi l-Avukat Joseph Giglio ghan-nom tal-attur kien sussegwentement kiteb ittra datata 26 ta’ Settembru 2000 fejn gharraf lill-Kummissarju tal-Pulizija li l-oggetti setghu jigu mormija peress li fl-istat li kienu ma kellhom assolutament l-ebda valur ghall-attur, u ineffetti jirrizulta s-segwenti:-

*“Dr. Giglio – U l-garage li inti rajt kien garage fejn stajt tara illi fil-fatt qed isir xoghol? Qed nifhmek sew?*

*Xhud: Kien jidher, per ezempju li kien hemm kwantita' ta' photocopies u video cassettes. Kien hemm kwantita' kbira ta' dawk il-qoxra ta' barra".*

*Qorti: Jigifieri kien qed jidher li qed jigi uzat jew le?*

*Xhud: Hekk jidher".*

Illi fl-istess seduta (fol. 79) ix-xhud ikompli jghid:-

*"Meta tfajthom fil-garage tlabt lis-superjuri tieghi biex isibuli post adegwat ghax naf li s-Sur Cachia qalli li dawn jiswew hafna flus"*.

Illi dwar l-istat tal-makkinarju f'dan l-istadju, fuq domanda tal-Qorti, l-Ispettur Casha wiegeb hekk (fol 83):-

"Il-Qorti: *X'gara mill-istat? Rajt xi kambjament jew le?*

Xhud: *Kienu mimlijin trab zgur. Dak li nista' nghid ghaliex".*

Illi wara li kien gie nominat bhala Perit Tekniku minn din l-Qorti fid-9 ta' Gunju 2000, Alfred Camenzuli li pprezenta rapport fid-19 ta' Dicembru 2000 (esebit a fol. 95 *et. seq*.) dwar l-istat tal-makkinarju w apparat mertu tal-kawza.

Illi l-konkluzjoni ta' Alfred Camenzuli kienet li:

*"ma ghandux diffikulta' jiddikjara* dawn *l-oggetti bhala "total loss" u bla ebda "recovery value", u dan minhabba l-istat li fih irrendew ruhhom, u cioe' l-istat li jinsab fih illum".*

Illi sabiex jipprova l-valur ta' l-oggetti maqbuda l-attur ressaq bhala xhieda l-individwi kollha li skond hu kien akkwista dawn l-oggetti minghandhom. Il-Qorti tinnota li dawn kollha kemm huma ikkonfermaw in-negozju li sar mal-attur ghall-akkwist ta' tali oggetti u ghalkemm hadd minn dawn l-individwi, kif ukoll l-attur inniffsu, ma pproduca xi forma ta' fattura jew ricevuta li jikkonfermaw it-tranzazzjonijiet li bis-sahha taghhom sehhew dawn l-akkwisti mill-attur, jidher u jirrizulta li dawn l-oggetti gew

ippruvati li nxtraw mill-attur bil-prezzijiet minnu ndikati u jirrizulta wkoll li l-hlas ta' kull negozju sar f'kontanti.

Illi jirrizulta wkoll li l-istess xhieda ntalbu jaghtu id-deposizzjoni taghhom meta ghaddew 'l fuq minn ghaxar (10) snin minn dakinhar li kien sehh in-negozju mal-attur, u dan il-fatt ukoll gie mehud in kunsiderazzjoni mill-Qorti sabiex tiddetermina t-talbiet attrici, u dan apparti li l-persuni kollha li l-istess attur akkwista minghandhom kollha kkonfermaw it-transazzjoni bil-gurament taghhom u dan bla ma gew bl-ebda mod kontradetti mill-kontro-parti, li fl-ebda hin ma gabu xi provi biex jimmillitaw kontra l-istess jew almenu sabiex jiddiskreditaw l-istess xhieda u dettalji minnhom moghtija dejjem dwar il-valur tal-istess oggetti; anzi x-xhieda stess tal-istess konvenuti ddikjaraw li sa mill-bidu tal-elevazzjoni tal-istess oggetti kienu jafu u konxji tal-fatt li l-istess oggetti kellhom certu valur.

Illi in effetti **Edgar Urpani**, prodott mill-attur fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2002, ikkonferma li parti sostanzjali mill-makkinarju in kwistjoni kien gie mibjugh minnu lill-attur versu l-prezz ta' bejn wiehed u iehor erbghin elf lira Maltin (LM40,000). Mistoqsi mill-Qorti kif kien gie mhallas dan il-prezz, ix-xhud wiegeb li l-hlas kien sar f'kontanti. Ix-xhud spjega kif dan il-makkinarju kien fil-fatt jappartjeni lill-kumpanija li kien jahdem maghha, u nbiegh lill-attur meta l-kumpanija kienet qieghedha tigi likwidata wara li waqfet milli topera kummercjalment. Edgar Urpani kien gie mistieden ifittex u jipproduci d-dokumentazzjoni konnessa ma' dan il-bejgh, pero' meta rega' gie riprodott huwa spjega li ma kienx jaf x'sar minn hafna dokumenti tal-kumpanija, tenut kont ukoll li kien ghadda hafna zmien minn meta din kienet waqfet topera.

Illi xhud iehor prodott mill-attur li kkonferma li xi oggetti maqbuda mill-Pulizija kienu gew akkwistati minghandu kien **Anthony Bartolo**, li xehed fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2002. Il-valur taghhom huwa stmah fl-ammont ta' Lm9,000 – Lm10,000, u qal li l-hlas kien dejjem isir f'kontanti. Sussegwentement Anthony Bartolo rega' xehed fis-seduta tal-21 ta' Frar 2002 u esebixxa numru ta' *invoices* rilaxxjati minn Valletta Audio Vision Limited (il-

kumpanija li kien jahdem maghha Anthony Bartolo u li kienet effettivament tbiegh lill-attur) koncernanti l-bejgh ta' oggetti lill-attur. Jinghad pero' li dawn l-*invoices* huma relatati ghan-negozju li sehh bejn Bartolo u l-attur mis-sena 1997 'l quddiem, u ghalhekk ma jikkostitwixxu l-ebda prova ghall-oggetti maqbuda mill-Pulizija. L-unika rilevanza li ghandhom dawn id-dokumenti hija li turi li fil-fatt kien isehh negozju regolari bejniethom, ghalkemm mix-xhieda tieghu jidher li huwa gharaf li biegh lill-attur l-oggetti mmarkati bhala numru 10, 11 u 13 fil-lista tar-relazzjoni tal-espert mahtur *in genere* William Cassar Torregiani, li skond il-kalkoli murija iktar 'l isfel f'din is-sentenza jwasslu ghas-somma ta' hamest elef u disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm5,991).

Illi l-ahhar xhud li tressaq mill-attur kien **Godwin Difesa** li spjega kif kien ibiegh numru sostanzjali ta' *cassettes* lill-attur. Fost l-oggetti maqbuda mill-Pulizija mill-pussess tal-attur kien hemm 'l fuq minn 2,000 *cassette*, li Godwin Difesa jghid li kienu gew mibjugha lill-attur versu l-prezz ta' Lm1.95c 'l wiehed. Illi ghalhekk il-valur totali ta' dawn il-*cassette*s huwa fl-ammont ta' Lm3,900. Hekk kif ghamlu x-xhieda l-ohra Godwin Difesa kkonferma li l-attur kien ihallsu dejjem f'kontanti.

Illi ghalhekk skond il-provi prodotti mill-attur il-valur totali ta' l-oggetti maqbuda mill-Pulizija huwa fl-ammont ta' hamsa u erbghin elf u disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm45,991), dan apparti telf ta' profit fuq il-*cassette*s kif ser jigi ndikat aktar il-quddiem, jekk l-allegazzjoni tal-attur tigi accettata.

## (B) APPREZZAMENT TAL-PROVI

Illi l-Qorti ser tghaddi sabiex tivvaluta t-talbiet attrici fl-isfond tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Illi l-eccezzjoni li l-konvenut ma huwiex il-legittimu kuntradittur ma jirrizultax li hija tenibbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt u dan peress li fl-ebda mument waqt dawn il-proceduri ma gie kkontestat li l-oggetti kienu effettivament depositati fil-pussess fiziku w attwali tal-konvenut, u fil-fatt

ma hemm l-ebda dubju li l-istess oggetti kienu fil-kustodja tal-istess konvenut fuq talba tieghu stess, waqt il-proceduri li kienu qed isiru kontra l-konvenut. Anzi, jinghad illi rrizulta fl-aktar mod car fejn ezattament dawn kienu mizmuma, u dan anke waqt l-access mizmum mill-Perit Tekniku inkarigat minn din l-istess Qorti, u ghalhekk il-Qorti thoss u tiddeciedi li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija kompletament bla ebda bazi fattwali u legali.

Illi f'dan il-kuntest bizzejjed wiehed ihares lejn ix-xhieda moghtija mis-Supretendent Dr. Antoine Casha, tas-6 ta' Frar 2001 fejn jghid:-

*"dawn zammejthom f'garage tal-Pulizija, l-Furjana … … ... Il-post zammejthom. Mhux qed nghid jien. Meta tfajthom fil-garage tlabt lis-superjuri tieghi biex isibuli post adegwat ghax naf li s-Sur Cachia qalli li* dawn *jiswew hafna flus".*

Illi mill-istess xhieda jirrizulta li l-istess oggetti mertu tal-kawza odjerna baqghu fl-istess post, *stante* li jidher li ma gie provdut ebda post alternattiv, u fil-fatt l-ispezzjoni taghhom mill-perit tekniku Alfred P. Camenzuli fl-istess post u fejn l-istess perit tekniku ha diversi ritratti (tletin (30) b'kollox) tal-istess tal-imsemmija proprjeta' tal-attur li jinsabu esebiti mar-relazzjoni peritali a fol. 96 tal-process.

Illi t-tieni eccezzjoni qieghedha tigi wkoll michuda, u dan peress li rrizulta fl-aktar mod ampju li l-oggetti kollha depositati mal-konvenut ma kellhom l-ebda valur meta l-attur mar sabiex jehodhom lura, u ghalhekk kien altru milli gustifikat meta hallihom fil-pussess tal-konvenut. Illi fil-fatt dan kollu huwa sottolinejat u korroborat mir-rapport tal-perit tekniku imqabbad mill-Qorti li fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri ma gie kkontestat mill-istess konvenut.

Illi bizzejjed il-Qorti tinnota li l-istess perit tekniku Alfred Camenzuli sostna:-

*"Illi wara li l-esponenti ezamina l-apparat u l-oggetti in kwistjoni, u cjoe' dawk elevati mill-Pulizija f'Settembru 1995, minn proprjetajiet ta' l-attur Martin Cachia, u cioe' dawk l-oggetti u makkinarju meritu tal-kawza odjerna,*

*huwa m'ghandux diffikulta' li jiddikjara* dawn *l-oggetti bhala "total loss" u bla ebda "recovery value" u dan minhabba l-istat li fih irrendew ruhhom u cioe' l-istat li jinsabu fihom illum".*

Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens li l-attur ma gab l-ebda prova li l-oggetti kienu funzjonanti meta dawn gew elevati.

Illi din l-eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda u dan ghal diversi ragunijiet fosthom li jirrizulta li meta l-istess oggetti gew elevati mill-konvenut jew ufficcjali tieghu bl-ebda mod ma indikaw li l-oggetti li gew elevati ma kienux qed jahdmu jew funzjonabbli.

Illi mill-provi prodotti pero' jirrizulta li l-istess oggetti kienu qed jinfunzjonaw u mhux biss izda kienu qed jintuzaw attivament mill-attur u dwar dan hemm ix-xhieda mhux biss tal-attur, izda wkoll jirrizulta mir-rapport tal-Inkjesta tal-Perit Tekniku William Cassar Torreggiani, li meta huwa elenka l-oggetti elevati mill-pussess *inter alia* tal-attur ma hemm ebda indikazzjoni li l-istess oggetti ma kienux qed jintuzaw; l-istess jista' jinghad ghar-rapport tal-Perit Richard Aquilina fl-atti tal-istess Inkjesta Magisterjali, u lanqas jista' jkun mod iehor meta wiehed ihares lejn akkuzi li kienu originarjament ingabu kontra l-attur fejn huwa gie akkuzat li ghamel uzu mill-istess apparat ghal skopijiet illegali w addirittura kriminali kif jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 5 ta' Marzu 1999, li effettivament illiberat lill-istess attur mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u li kawza t'hekk giet istitwita din il-kawza, wara li l-istess apparat gie rez minghajr valur.

Illi l-istess Qorti ma ghandha l-ebda dubju li kieku l-istess apparat ma kienx funzjonanti l-istess membri tal-Pulizija u l-ufficcjali nkarigati mill-kaz kienu formalment jaghmlu tali annotazzjoni, li fil-fatt ma saritx; anzi l-istess Spettur Casha ddiskriva l-istess oggetti bhala ta' valur, tant li ried post adegwat fejn jinhazznu, haga li ma jidhirx li sab.

Illi kontra din l-eccezzjoni hemm ukoll il-fatt li l-attur spjega li dawn l-oggetti kienu lkoll fi stat tajjeb meta gew elevati.

Jigi osservat illi fil-fatt kien l-istess attur u siehbu Eugenio Frantz li waqt il-progress tal-investigazzjoni ndikaw lill-Pulizija Ezekuttiva l-lok minn fejn kienu jezercitaw in-negozju taghhom, ossija l-*garage* li minnu gew elevati dawn l-oggetti. Hemm qbil li f'dak l-istadju l-attur kien qieghed jinnegozja attivament, tant li l-Pulizija kienu bdew l-investigazzjonijiet taghhom proprju mill-Monti, fejn kien qieghed jahdem l-attur. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni tal-konvenut qieghedha tigi respinta, ghaliex ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-oggetti mertu tal-kawza odjerna kienu lkoll funzjonabbli u qed jahdmu fil-mument li nhadu mill-pussess tal-attur.

Illi l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut hija li huwa l-attur li huwa responsabbli ghad-deterjorament tal-makkinarju peress li naqas milli jitlob lill-Qorti sabiex tawtorizzah jiehu dawk il-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni mehtiega sabiex jipprezervahom.

Illi l-Qorti tghid mill-ewwel illi ma taqbilx assolutament mat-tezi tal-konvenut, u dan ghas-segwenti ragunijiet. L-**artikolu 1899 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta)** jipprovdi illi:-

*"Id-depositarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depositu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu" .*

Illi ta' rilevanza huma wkoll id-dispozizzjonijiet tas-**subincizi (a) u (c) tal-artikolu 1900** li jipprovdu s-segwenti:

*"(1) Id-dispozizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan ghandhom jigu applikati b'mod aktar sever:*

*(a) meta d-depositarju jkun offra ruhu huwa nniffsu sabiex jiehu lura d-depositu;*

*(c) meta d-depositu jkun sar biss fl-interess tad-depositarju.*

*(2) F'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jghoddu d-*

*dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 1132; ……….".*

Illi l-**artikolu 1132 tal-Kodici Civili** jipprovdi hekk:

*"(1) Bla hsara ta' kull dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici dwar id-depositi, id-diligenza li wiehed ghandu juza fl-ezekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi hsieb il-gid biss ta' wahda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-wahda u l-ohra, hija, f'kull kaz, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032".*

Illi l-**artikolu 1904** jipprovdi s-sewgenti:-

*"(1) Id-depositarju ghandu jrodd dik il-haga stess li jkun ircieva, fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd.*

*(2) It-tgharriq li jsir fil-haga minghajr htija tad-depositarju jbaghtih id-depositant".*

Illi issa, kif diga' gie determinat mill-espert inkarigat mill-Qorti, ma hemm l-ebda dubju li meta l-attur mar sabiex jerga' jiehu lura l-oggetti maqbuda minghand il-konvenut dawn kienu spiccaw ghal kollox, tant li ma kien fadallhom l-ebda valur kummercjali. Irrizulta wkoll li dawn kienu stivati f'lokal imwarrab umduz u mimli trab, tant li l-istess ufficcjali tal-Pulizija li kienu fuq il-kaz, l-ewwel staqsew sabiex ikollhom post adegwat sabiex jahznu l-istess oggetti, u wkoll irrizulta li dan ma nstabx, u mhux biss izda jidher li l-istess oggetti addirittura ntesew tant li l-istess membri tal-korp tal-Pulizija li anke xehdu f'din il-kawza kellhom ghall-ewwel diffikulta sabiex isibu fejn kienu ddepositaw u stivaw l-istess oggetti, dawn meta l-istess oggetti kienu dejjem fil-pussess u taht il-kustodja tal-konvenut fl-ambjenti tal-istess konvenut.

Il-konvenut evidentement naqas milli jhaddem dan il-makkinarju sabiex jittanta jzommu funzjonanti, u dan ghen mhux ftit sabiex l-istess apparat jiddeterjora ghal kollox, u dan apparti l-fatt li l-post fejn inzammu tul dawn is-snin kollha kien ghal kollox umduz u mhux addattat ghall-istess oggetti; jidher ukoll superflu li jinghad li l-istess konvenut

ma ghamel l-ebda forma ta’ manutenzjoni fuq l-istess oggetti, kif kien dover tieghu li jaghmel anke taht il-massima ta’ *bonus pater familias,* anzi jidher u jirrizulta li abbanduna l-istess apparat ghal kollox.

Illi ma hemmx dubju li galadarba li l-oggetti gew depositati ghand il-konvenut, huwa kellu l-obbligu li jiehu hsiebhom b’dan li jroddhom lura fi stat tajjeb, u jekk dawn iddeterjoraw b’xi mod, huwa kellu l-oneru li juri b’mod konvincenti li dan ma kienx minhabba htijiet imputabbli lilu. Ovvjament dan fl-istess kawza ma ghamlux.

Illi fil-kawza fl-ismijiet “***Dimech vs Kummissarju tal-Pulizija****”,* deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fid-29 ta’ April 1996, intqal illi *“Ir-responsabbilta’ ta’ depositarju hija dik ta’ bonus paterfamilias u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, u fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni”*

Illi fil-kawza fl-ismijiet “***Mary Hall vs Emmanuel Xuereb****”,* deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Marzu 1946, il-Qorti nnotat illi d-depositarju, anki b'titolu gratuwit, ghandu juza fil-kustodja tal-haga l-istess diligenza li juza fil-kustodja ta' hwejgu. In konferma ta’ dak stabbilit mill-Kodici Civili, hija qalet ukoll li d-depositarju ghandu jrodd il-haga lil min fdahielu fl-istess stat li kienet giet konsenjata lilu. Konsegwentement id-depositarju li jonqos minn dawn l-obbligi huwa responsabbli ghad-danni lejn id-depositant.

Illi r-responsabbilta’ ta’ depositarju hija dik ta’ *bonus paterfamilias* u huwa ghandu l-obbligu li jipprova li ma setax jevita t-telf tal-oggetti hekk lilu konsenjati, fin-nuqqas iwiegeb ghad-danni.

Illi in effetti fil-kawza fl-ismijiet **“Maria Camilleri vs Duminku Attard”** (P.A. (JSP) 2 ta’ April 1992.) inghad illi:-

*“Huwa provdut fil-ligi li min jircievi d-depositu ghandu juza l-istess diligenza fuq il-haga depositata qisha kienet tieghu, jigifieri juza d-diligenza li jirrizerva ghall-hwejjeg*

*tieghu… Ghaldaqstant l-attur nomine bhala depositarju kellu juza d-diligenza ta' 'buon padre di famiglia' (Pietro Contini vs Giorgio Zammit (Vol. XXIX. P I. 1422)".*

*"Id-depositarju huwa obbligat juza, fil-kustodja ta' l-oggetti depositati ghandu, l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu, u huwa obbligat irodd dawk l-oggetti biss lil min ikun iddepositahom ghandu jew lill-persuna illi f'isimha jkun sar id-depositu jew lil min ikun inkarigat biex jircevihom; Id-depositarju li jonqos minn* dawn *id-dmirijiet huwa responsabbli tat-telf jew hsara li dan in-nuqqas igib lis-sid tal-haga depositata jew lil min ikun iddepositaha" (Vol. XXIX. P I. 1244).* (ara wkoll **"Reginald Micallef et nomine vs Godwin Abela et nomine"** – A.K. 16 ta' Marzu 1992).

Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li dawn l-eccezzjonijiet ukoll tal-istess konvenut ghandhom jigu michuda, *stante* li l-istess konvenut naqas li jiehu kura tal-oggetti li kienu fil-pussess tieghu u proprjeta' tal-attur, u naqas li jirritornahom lura fl-istat li kienu meta ha pussess taghhom, u certament li d-deterjorazzjoni tal-oggetti meta dawn kienu fl-istess pussess tieghu, tant li tilfu l-valur taghhom ghal kollox skond ir-relazzjoni tal-perit tekniku Alfred Camenzuli, li ma giet bl-ebda mod ikkontestata, hija mputtabbli lilu, u l-istess konvenut ma gab l-ebda prova kwalunkwe sabiex jiskolpixxi ruhu minn tali responsabbilta' u liema prova kienet tinkombi lilu, u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli wkoll li jhallas id-danni sofferti mill-attur.

Illi l-argument li kien jinkombi lill-attur sabiex jitlob lill-Qorti li tawtorizzah jiehu l-mizuri prekawzjonali u ta' manutenzjoni biex jippriserva l-istess oggetti ma jreggix, ghaliex kien il-konvenut li ha u talab pussess tal-affarijiet lill-istess Qorti, u fl-ebda mument il-konvenut ma allega jew indika, li tali pussess effettiv tal-oggetti kien suggett ghal tali kondizzjoni; huwa tramite l-ufficcjali tieghu ghazel il-post fejn kien ser jinhaznu, u l-oggetti baqghu fil-pussess tieghu tul dan iz-zmien kollu, u mhux ma tax kashom, u ma ghamilx manutenzjoni tal-istess, izda addirittura abbanduna l-istess oggetti, tant li meta l-attur

talab sabiex jarahom qabel ma jitlob li jirtirahom, l-ufficcjali tal-Pulizija nkarigati, anke mbarrazati, talbu zmien sabiex jintraccawhom, u fir-rapport peritali jirrizulta fejn kienu fil-fatt mitluqin u mwarrbin.

**(C) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.**

Illi l-oggetti li saret il-kawza dwarhom huma magna Tapemaster 2002 *Single head serial* 2002; magna tapemaster 3002 *Single Head cassette winder*; tapematic ohra serial 3000 *cassette winder automatic*; v.o vetroglass 37 cartons li go kull kaxxa kien fiha 120 *cartridge* tal-*video tapes* vojta w il-kaxxi (*sleeve*) tal-*cassette*; Atari DP 4050 *three piece three cassette heads, cassette duplicators* cioe' Master Head u zewg *sleeves* kull wahda; u *plastic shrinker* li nbieghu lill-attur minn Edgar Urpani verso l-prezz ta' cirka erbghin elf lira Maltija (Lm40,000) u dan kollu skond ix-xhieda tal-istess Edgar Urpani li kellu sehem f'socjeta' ABC Limited li kienet xoljiet u bieghet l-istess oggetti lill-attur.

Apparti dan kien hemm tlettax-il kartuna tar-*radio cassettes tapes*, kaxxa vojta ghall-*cartridges* (13xLm7 -il wiehed (Lm91); tmien kartuniet jew 400 BT *video cassette cartridges* bit-*tape blank* (8 x 100 @ Lm2.50 -il wiehed (Lm2,000); tlett kaxxi tal-kartun bis-*sleeves photocopied* ghall-*video cassette* u l-prezz tal-*video tapes* kien ta' Lm1.95 ghall-attur u kienu jinbieghu Lm3.95 u b'kollox kien hemm xi 2,000, u dan ghall-valur ta' Lm3,900 (2000 @ Lm1.95-il wiehed).

Illi allura l-valur totali tal-istess oggetti li kienu fil-pussess tal-attur huwa ta' Lm40,000 + Lm2,000 + Lm91 + Lm3,900 li jammontaw ghall-hamsa u erbghin elf, disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm45,991).

Illi inoltre mill-istess xhieda attrici jirrizulta li l-istess *cassettes* kienu jinbieghu mill-attur bil-prezz ta' Lm3.95, u ghalhekk hemm *loss of profit* ta' Lm2 ghal kull *cassette*, u dan ghalhekk jammontaw globalment ghas-somma ulterjuri ta' Lm4,000, li ghandhom jizdiedu mas-somma fuq indikata b'dan li l-ammont ta' danni sofferti mill-attur

jammonta ghall-disgha u erbghin elf, disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm49,991). Ma gew prezentati l-ebda provi ohra dwar telf ta' profit u ghalhekk ma hemmx izjed x'jigi likwidat bhal danni f'din il-pendenza.

Illi dwar it-titolu tal-istess attur fuq l-istess oggetti ma hemm l-ebda dubju u lanqas biss huwa kontestat li dawn inhadu mill-pussess tal-attur, u f'dan ir-rigward wiehed jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 5 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Martin Cachia et"** fejn jinghad li dwar provenjenza ta' makkinarju *"jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Antoine Casha fejn jghid li l-imputati kienu wrew ricevuti tal-makkinarju kollu fil-pussess taghhom".*

Illi dawn il-provi kollha bl-ebda mod ma gew ikkontestati mill-konvenut, u l-ebda prova kontrarju ma ingabet a propositu tal-istess, u ghalhekk l-istess Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm49,991).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara illi l-konvenut ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega necessarji sabiex jassigura ruhu li ma ssir l-ebda hsara lill-oggetti mehuda minghand l-attur u mizmuma ghand l-istess konvenut konsegwenza tat-tfittxija maghmula mill-istess konvenut fit-3 ta' Settembru 1995 u konsegwentement l-attur sofra danni fit-telf tal-istess oggetti, magni u makkinarju.

(2) Tillikwida d-danni nkorsi mill-attur bhala konsegwenza tal-agir tal-konvenut fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm49,991).

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, disa' mija u wiehed u disghin lira Maltija (Lm49,991).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2002**